

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1630

tat-3 ta' Novembru 2020

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 fir-rigward tal-kompatibilità elettromanjetika tat-tagħmir industrijali, xjentifiku u mediku, tal-apparat elettrodomestiku, tal-għodod elettriċi u ta' apparat simili, tat-tagħmir tad-tidwil elettriku u ta' tagħmir simili, tat-tagħmir multimedjali, u tal-switchgear u l-controlgear**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, it-tagħmir elettriku li jkun f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun preżunt li hu konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)7641 <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elektroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar u għar-reviżjoni ta' standards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE.
- (3) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-Cenelec irrevdedew l-istandards armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(4)</sup>: EN 55011:2009, EN 55014-1:2006, EN 55015:2013 u EN 55032:2012. Dan irriżulta, rispettivament, fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati li ġejjin u l-emendi għalihom: EN 55011:2016, EN 55011:2016/A1:2017 u EN 55011:2016/A11:2020 għat-tagħmir industrijali, xjentifiku u mediku; EN 55014-1:2017 u EN 55014-1:2017/A11:2020 għall-apparat elettrodomestiku, l-għodod elettriċi u apparat simili; EN IEC 55015:2019 u EN IEC 55015:2019/A11:2020 għat-tagħmir tad-tidwil elettriku u tagħmir simili; u EN 55032:2015 u EN 55032:2015/A11:20 għat-tagħmir multimedjali.
- (4) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641, is-CEN u s-Cenelec emendaw l-istandard armonizzat EN 62026-2:2013, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(5)</sup>. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandard armonizzat EN 62026-2:2013/A1:2019.
- (5) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-Cenelec, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641.
- (6) L-istandards armonizzati EN 55011:2016 kif emendat bi EN 55011:2016/A1:2017 u EN 55011:2016/A11:2020, EN 55014-1:2017 kif emendat bi EN 55014-1:2017/A11:2020, EN IEC 55015:2019 kif emendat bi EN IEC 55015:2019/A11:2020, EN 55032:2015 kif emendat bi EN 55032:2015/A11:2020, u EN 62026-2:2013 kif emendat bi EN 62026-2:2013/A1:2019 jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/30/UE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi għal dawk l-istandards armonizzati, flimkien mal-istandards emendatorji rilevanti tagħhom, jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibilità elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7641 tat-30 ta' Novembru 2016 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elektroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni fir-rigward tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-kompatibilità elettromanjetika.<sup>(4)</sup> ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

- (7) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 <sup>(6)</sup> jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/30/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE jiġu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards, flimkien mar-referenzi tal-istandards emendatorji rilevanti tagħhom, jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (8) Għalhekk, jeħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin, flimkien mar-referenzi tal-istandards armonizzati rilevanti li jemendawhom jew li jikkoreġuhom, jiġu rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*: EN 55011:2009 kif emendat bi EN 55011:2009/A1:2010, EN 55014-1:2006 kif emendat bi EN 55014-1:2006/A1:2009 u EN 55014-1:2006/A2:2011, EN 55015:2013, EN 55032:2012 kif ikkoreġut bi EN 55032:2012/AC:2013, u EN 62026-2:2013.
- (9) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, huwa xieraq li dawk ir-referenzi, flimkien mar-referenzi tal-istandards rilevanti li jemendawhom jew li jikkoreġuhom, jiġu inklużi f'dak l-Anness.
- (10) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom għall-applikazzjoni tal-istandards armonizzati EN 55011:2016 kif emendat bi EN 55011:2016/A1:2017 u EN 55011:2016/A11:2020, EN 55014-1:2017 kif emendat bi EN 55014-1:2017/A11:2020, EN IEC 55015:2019 kif emendat bi EN IEC 55015:2019/A11:2020, EN 55032:2015 kif emendat bi EN 55032:2015/A11:2020, u EN 62026-2:2013 kif emendat bi EN 62026-2:2013/A1:2019, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati rilevanti li ġejjin, flimkien mar-referenzi tal-istandards rilevanti li jemendawhom jew li jikkoreġuhom, jiġi differit: EN 55011:2009 kif emendat bi EN 55011:2009/A1:2010, EN 55014-1:2006 kif emendat bi EN 55014-1:2006/A1:2009 u EN 55014-1:2006/A2:2011, EN 55015:2013, EN 55032:2012 kif ikkoreġut bi EN 55032:2012/AC:2013, u EN 62026-2:2013.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1326 tal-5 ta' Awwissu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, 6.8.2019, p. 27).

## ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jiżiedu l-entrati li ġejjin:

Numru ta'	Referenza tal-istandard
"10.	EN 55011:2016 Tagħmir industrijali, xjentifiku u mediku — Karatteristiċi tad-disturbi tal-frekwenza tar-radju — Limiti u metodi tal-kejl  EN 55011:2016/A1:2017 EN 55011:2016/A11:2020
11.	EN 55014-1:2017 Kompatibilità elettromanjetika — Rekwiżiti għall-apparat elettrodomestiku, l-għodod elettriċi u apparat simili — Parti 1: Emissjoni  EN 55014-1:2017/A11:2020
12.	EN IEC 55015:2019 Limiti u metodi ta' kejl tal-karatteristiċi ta' disturbi tar-radju tat-tagħmir tad-tidwil elettriku u ta' tagħmir simili  EN IEC 55015:2019/A11:2020
13.	EN 55032:2015 Kompatibilità elettromanjetika tat-tagħmir multimedjali — Rekwiżiti tal-Emissjonijiet  EN 55032:2015/A11:2020
14.	EN 62026-2:2013 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx — Interfaċċa bejn l-apparat u t-tagħmir ta' kontroll (CDIs) — Parti 2: Interfaċċa ma' attwaturi u sensuri (AS-i)  EN 62026-2:2013/A1:2019".

## ANNEX II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1326 jiżiedu l-entrati li ġejjin:

Numru ta'	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
“7.	EN 55011:2009 Tagħmir industrijali, xjentifiku u mediku — Karatteristiċi tad-disturbi tal-frekwenza tar-radju — Limiti u metodi tal-kejl EN 55011:2009/A1:2010	l-4 ta' Mejju 2022
8.	EN 55014-1:2006 Kompatibilità elettromanjetika — Rekwiżiti għall-apparat elettrodomestiku, l-għodod elettriċi u apparat simili — Parti 1: Emissjoni EN 55014-1:2006/A1:2009 EN 55014-1:2006/A2:2011	l-4 ta' Mejju 2022
9.	EN 55015:2013 Limiti u metodi ta' kejl tal-karatteristiċi ta' disturbi tar-radju tat-tagħmir tad-tidwil elettriku u ta' tagħmir simili	l-4 ta' Mejju 2022
10.	EN 55032:2012 Kompatibilità elettromanjetika tat-tagħmir multimedjali — Rekwiżiti tal-Emissjonijiet EN 55032:2012/AC:2013	l-4 ta' Mejju 2022
11.	EN 62026-2:2013 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx — Interfaċċa bejn l-apparat u t-tagħmir ta' kontroll (CDIs) — Parti 2: Interfaċċa ma' attwaturi u sensuri (AS-i)	l-4 ta' Mejju 2022”.